# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 546/2021 TA**

**Svitlana Ivanenko, detentriċi tal-passaport tal-Ukraina FP 850615**

**vs**

**L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali,**
**Il-Ministru tal-Intern Sigurta' Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi, u**
**L-Avukat tal-iStat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Svitlana Ivanenko tal-25 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> **1."** Illi r-rikorrenti kienet applikat għal protezzjoni umanitarja f'Malta u ingħatat status ta Temporary Humanitarian Protection mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati fil-15 ta' Novembru 2014 (REFCOM 17261) u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 420 tal-Liġi ta' Malta, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali;
>
> **2.** Illi kopja taċ-Ċertifikat li juri dan l-istatus qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. A;

**3.** Illi r-rikorrenti intalbet permezz ta' telefonata biex tirrapporta ġewwa l-uffiċċju tal- Identity Malta ġewwa Hal Far fil-25 ta' Ġunju 2021, fejn ingħatat korrispondenza datata 2 ta' Ġunju 2021 fejn ġiet informata li l-istatus tagħha kien qed jiġi rtirat b'effett immedjat;

**4.** Illi kopja ta' din il-korrispondenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. B;

**5.** Illi b'effett ta' din id-deċiżjoni, lir-rikorrenti ġiet irtirata l-Karta ta' Residenza bin-Numru 0070914A b'effett immedjat u għaldaqstant twaqqfila l-permess biex tirrisjedi f'Malta;

**6.** Illi kopja ta' din il-Karta ta' Residenza qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. C u korrispondenza ulterjuri li ngħatat ir-rikorrenti meta intalbet trodd lura l-Karta ta' Residenza qed tiġi wkoll annessa u mmarkata bħala Dok. D;

**7.** Illi id-deċiżjoni mehuda mill-Aġenzija intimata hija nulla u bla effett stante li;

**8.** Din id-deċiżjoni ittieħdet mill-Aġenzija intimata mingħajr mal-esponenti ingħatat l- opportunita' li tippreżenta sottomissjonijiet tagħha qabel ma ġiet meħuda l-istess deċiżjoni mill-Aġenzija intimata fil-konfront tagħha;

**9.** Illi d-dispożizzjoni tal-Artikolu 17A(2) li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tappella kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata hija waħda arbitrarja u leżiva għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kemm a bażi tad-dritt ta' smiegħ xieraq kif ukoll ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni u aċċess għall-Qrati;

**10.** Illi inoltre, dan l-aġir minn naħa tal-Aġenzija intimata huwa kontra id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(4) illi japplika mutatis mutandis mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17A;

**11.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-dispożizzjoni sopraċitata fl-Artikolu 17A(2) tal-Kapitolu 420 hija kontra l-Artikolu 32(a) u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**12**. Illi din id-dispozizzjoni hija wkoll kontra l-Kapitolu 319 tal-Liġi ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

**13.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 17A(2) hija manifestament kontra l-Artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

**14.** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din id-dispożizzjoni tmur kontra il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, senjatament id-dritt ta' *audi alteram parte u nemo judex in causa*
*Sua;*

**15**. Illi f'dan is-sens, żgur illi l-Aġenzija intimata ma' tistax jitqies bħala awtorita' ġudikanti, wisq anqas waħda indipendenti u newtrali ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u il-Libertajiet Fundamentali;

**16.** Illi in oltre, dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u vjolazioni flagranti tal-prinċipji fundamentali sopraċitati hekk kif il-funzjoni tal-Aġenzija intimata f'dan is-sens huma vjolattivi tad-dritt għal smiegħ xieraq;

**17**. Illi f'tali ċirkostanza hemm bl-aktar mod sħiħ nuqqas ta' parita tal-armi. Dan huwa rifless fil-fatt illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata hija finali u meħuda abbażi ta' informazzjoni li tinġabar unikament mill-Aġenzija intimata nnifisha, bir-rikorrenti tkun imċaħħda mid-dritt li tipprovdi sottomissjonjiet u tipparteċipa fil-proċess tal-Aġenzija intimata;

**Għaldaqstant,** ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet hawn fuq premessi, tgħaddi biex takkorda r-rimedji kostituzzjonali kollha spettanti lir rikorrenti, fosthom:

**1.** Tiddikkjara li l-Artikolu 17A(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjoni jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta senjatament l-Artikoli 32(a) u 39(2) u għalhekk huwa null u bla effett in kwantu anti-kostituzzjonali;

**2.** Tiddikkjara li l-Artikolu 17A(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jikser l- Artikolu 47 tat-Trattat Ewropew tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali;

**3.** Tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata fil-konfront tar-rikorrenti datata 2 ta' Gunju 2021 notifikata lir-rikorrenti fil-25 ta' Gunju 2021;

**4.** Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti u tagħti kull rimedju xieraq,inkluż dak li tkun tista' tappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata sabiex tali leżjoni tkun indirizzata;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati".

Rat ir-risposta tal-Aġenzija intimata tal-14 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha wieġbet s-segwenti:

1. "Ir-rikorrenti hija persuna ta' nazzjonalita' Ukrena. Ir-rikorrenti kienet applikat għal protezzjoni internazzjonali kif regolata mill-Liġi fis-6 ta' Gunju 2014 liema applikazzjoni ġiet miċħuda fil-15 ta' Novembru 2014 (kopja tad-deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2014 qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok 'IPA 1'**). Madanakollu l-istess rikorrenti ingħatat protezzjoni temporanja umanitarja abbażi ta *policy* interna. Sussegwentament u ċjoe din is-sena l-aġenzija esponenti kkunsidrat illi l-każ ma jimmeritax aktar protezzjoni temporanja umanitarja u għalhekk tali protezzjoni ġiet rtirata fit-2 ta' Gunju 2021 kif ġiet kkomunikata lir-rikorrent fil-23 ta' Gunju 2021. Tajjeb jingħad illi llum l-ġurnata l-Kap 420 tal-liġijiet

ta' Malta jirregola din il-forma ta' protezzjoni u fost l-kontenut tad-disposizzjonijiet tal-istess Kapitolu hemm mniżżel imma ma hemmx lok għal appell minn deċiżjoni tal-aġenzija li tiġi rtirata din il-protezzjoni;

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

**2.** Illi l-esponenti Avukat tal-Istat u il-Ministru ghall-Intern, is-Sigurta Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi jecepixxu illi huma m'humiex il-legittimi kontradittturi u dan stante illi l-Kap 420 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula car u tond li kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' *asylum seekers* jaqghu taht il Kappa tal-*International Protection Agency* kif debitament rapprezentata mill Ufficcial Kap Eżekuttiv tal-istess agenzija. Kwindi, dawn l-esponenti ghandhom minnufih jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju m'għandhomx ibatu ebda spejjez relatati ma' dawn il-proceduri;

**3.** Illi in linea preliminari ukoll jiġi eċċepit li rikorrenti naqsu milli jutilizzaw rimedju ordinarju effettiv u aċċessibbli li jagħtihom il-liġi u ċioe' <u>azzjoni għal-stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv</u> ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u *l-proviso* għall-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* non-eżawriment ta’ meżżi ordinarji ta rimedju;

**4.** Illi in linea preliminari ukoll l-artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'huwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ċjoe l-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjonali. Kwindi, it-talba għal dikjarazzjoni ta’ ksur fir-rigward tal-artikolu 32(a) hija improponibbli ab initio u qatt ma tista tiġi akkolta;

**5.** Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu l-inapplikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u dan stante li l-Karta tapplika esklussivament *"għall istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjeta u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw liġi tal-Unjoni..."* u dan ai termini tal-Artikolu 51(1) tal-istess Karta. Konsegwentament l-artikolu 47 mhux invokabbli fil-proċeduri odjerni u għalhekk it-talba tar-rikorrent f'dan is-sens hija improponibbli;

**6.** Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-każ odjern stante illi l-esponent Kap Eżekuttiv la huwa Tribunal, Bord jew Qorti fis-sens tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan is-sens tali esponent m'huwiex marbut bil-proċeduri konvenzjonali kif qiegħed jallega l-attur;

**7.** Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent jeċepixxi li għal dak li jirrigwarda l’ jedd ta' smigħ xieraq, il-Qrati tagħna kif ukoll ta' Strasburgu dejjem irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, iridu jqisu

l-proċess kollu kemm hu fl-assjem tiegħu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u m'għandhiex tiffoka fuq biċċa waħda mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd għas-smigħ xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015);

**<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>**

**8.** Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent tallega li ma ngħatatx smiegħ xieraq mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u li d-deċiżjoni tal-istess Aġenzija hija waħda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma tistax tinqeda bi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali għas-sempliċi raġuni, li skonta, tkun żbaljata fid-deċiżjoni tagħha. Huwa magħruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-ġurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'żbalji' ta' awtorita'. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali iżda ċertament li ma tistax tistħarreġ jekk awtorita' iddeċiedietx b'mod tajjeb u korrett applikazzjoni. Illi minn qari tar-rikors promotur jinżel biċ-ċar li r-rikorrent qed tistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidħol fil-mertu fattwali tal-proċeduri deċiżi mill-awtorita. Fir-rikors promotur tagħha r-rikorrent mkien ma tifsser kif ġie vjolat id-dritt ta' smigħ xieraq iżda dak li qiegħda tagħmel huwa li tikkontesta l-mod li ddeċieda l-proċeduri in konfront tagħha l-aġenzija u dan minħabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbażat l-istess aġenzija. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni toħroġ 'il barra mill- iskrutinju li jaħsbu għalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;

**9.** Illi mhux kull interpretazzjoni ħażina tal-fatti twassal għal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawża tintilef minħabba interpretazzjoni jew apprezzament ħażin tal-fatti jagħti dritt illi l-mertu tal-każ ikun eżaminat mill-ġdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati mogħnija b'setgħa kostituzzjonali u konvenzjonali ma għandhomx jiġu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza iżda dawn il-qrati huma mogħtija s-setgħa li, f'każ ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparziali, tistħarreġ l-imġiba ta' kull awtorita' ġudikanti oħra, imqar jekk tkun waħda ġerarkikament ogħla minnha. Iżda dina s-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deċiża fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u 'skond il-liġi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fit-28 ta' Diċembru 2001). Illi għalhekk, proċeduri magħmula abbażi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex maħsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat. Proprju f'dan il-każ, ir-rikorrent qiegħda tlibbes l-ilment tagħha bħala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta dan ma huwa xejn ħlief appell ġdid mill- apprezzament milħuq mill-awtoritajiet. Isegwi għalhekk li ilment bħal dan ma jistax jiġi mistħarreġ mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u għalhekk għandu jiġi mwarrab;

**10.** Illi l-esponent Aġenzija tirrileva illi artikolu 22(4) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar u jirreferi biss għal proċess amministrattiv għal applikazzjoni ta' protezzjoni sussidjarja u mhux għal protezzjoni temporanja umanitarja kif imsemmija fl-artikolu 17A tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi, r-referenza għal dan l-artikolu li qed ssir mir-rikorrent hija irrilevanti għaliex dan l-artikolu mhux applikabbli għal fatti speċie tal-kas odjern;

**11.** Illi bir-rispett dovut lejn dina l-Onorabbli Qorti u għalkemm huwa risaput illi l-Qrati Kostituzzjonali jgawdu minn poteri vasti, huma l-awtortijajiet illi għandhom jirritjenu d-diskrezzjoni abbażi tal-Liġi viġenti illi jagħtu o meno protezzjoni temporanja u kwindi r-raba talba hija improponibbli u m'għandiex tintlaqa;

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-esponenti qegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra tagħha".

Rat li il-partijiet qablu li qabel xejn għandha tiġi deċiża l-ewwel it-tielet risposta ossia eċċezzjoni tal-Aġenzija intimata.

Rat l-atti u dokumenti kollha f'dawn il-proċeduri.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li dawn il-proċeduri dwar it-tielet eċċezzjoni tħallew għall-lum.

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

Ir-rikorrenti applikat għall-protezzjoni umanitarja f'Malta fil-15 ta' Novembru 2014 abażi ta' dak li jipprovdi il-Kap 420 tal-liġijiet ta' Malta (ara Dok A mar-rikors promotur).

Fil-25 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti kellha telefonata biex tmur l-Uffiċċju ta' Identity Malta Hal Far. Hemm hekk ingħatat ittra datata 2 ta' Ġunju 2021 li biha ġiet infurmata li l-istatus tagħha kien qiegħed ikun irtirat b'effett immedjat (ara dok B mar-rikors promotur). Dan wassal biex tkun irtirata il-Karta tal-Identita' tagħha u tilfet id-dritt li tkompli tirresjedi Malta.

B'konsegwenza ta' dan inbdew dawn il-Proċeduri minħabba li skont ir-rikorrenti bil-mod kif ittieħdet id-deċiżjoni u minħabba li ma għandiex dritt ta' Appell taħt

liġi ġie imċaħħad lilha dritt ta' appell u għalhekk tallega li inkisrulha d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

**Punti ta' Liġi:**

Kif diġa' aċċennat din is-sentenza parzjali hija limitata għat-tielet eċċezzjoni tal-Aġenzija Intimata. Fil-Qosor din tgħid, li din il-Qorti għandha tiddeklina milli tisma' l-ilmenti tar-rikorrenti peress li kellha rimedju ordinarju taħt il-liġi. L-aġenzija intimata tintima li dan ir-rimedju huwa dak mogħti taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jirrigwarda il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jiskrutinaw għemil Amministrattiv. Fi ftit kliem it-tielet eċċezzjoni hija dik kummunament magħrufa bħala non-eżawriment ta' rimedji ordinarji.

**Konsiderazzjonijiet:**

Fid-dawl tal-eċċezzjoni li qed tkun trattata, dak li jrid jiġi eżaminat minn din il-Qorti ma hux jekk il-liġi u ċioe` Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta, kellhiex tipprovdi għal dritt ta' appell, kif bħal donnha qiegħda tindika r-rikorrenti fil-premessa numru 8 tar-rikors promotur. Din hija kwistjoni li għad trid tkun trattata fil-mertu jekk ikun il-każ.

Dak li jrid ikun eżaminat hu, jekk ir-rikorrenti kellhiex il-possibilita` ta' azzjoni taħt Artikolu 469A(b)(ii) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex tirrimedja dan l-allegat nuqqas fil-liġi. Il-Qorti qed tagħmel referenza partikolari għal dan is-sub-artikolu ta' dan l-artikolu, għaliex l-intimati stess għamlu referenza għalih fin-nota ta' osservazzjonijiet. L-eċċezzjoni tal-intimati bħala tali, tagħmel referenza għal dan l-artikolu b'mod ġeneriku għall-aħħar. Hija fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom biss, li għall-ewwel darba jagħmlu referenza speċifika għas-subartikolu fuq imsemmi (a' fol 52).

Bħal ma din il-Qorti trid toqgħod strettament mat-talbiet rikorrenti meta tiġi biex tiddeċiedi finalment il-mertu, hekk ukoll trid tagħmel, meta jkollha tiddetermina xi eċċezzjoni preliminari. Għalhekk il-Qorti, fuq indikazzjoni tal-intimati stess tifhem, li meta taw din l-eċċezzjoni, kien dan is-sub-artikolu partikolari li kellhom f'moħħhom. Jekk kellhom xi subartikoli oħra f'moħħhom, kellhom l-obbligu li jindikawhom b'mod ċar. Dan huwa ukoll kompatibbli ma' dak li tippremetti ir-rikorrenti fil-paragrafu 14 tar-rikors tagħha. Il-Qorti ma tistax tagħmel xogħol il-parti. Min jagħti l-eċċezzjoni jrid jindika dak li bi preċiżjoni li jrid jgħid.

L-ewwel ma għandu jkun osservat hu, li huwa minnu li t-Tribunal inkwistjoni ma għandux kompetenza jisma' x-xorta ta' appell li tagħmel referenza għalih ir-rikorrenti f'para 9 tar-rikors tagħha. Dan jirrigwarda appell minn revoka ta' ordni ta' protezzjoni umanitarja temporanja. F'dan ir-rigward din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha opportunita' tesprimi ruħha fis-Sentenza **tas-17 ta' Frar fl-ismijiet Eleonora Shokur f'isimha proprju et -vs- L-Avukat tal-Istat .**

Appell lit-Tribunal kien ikun wieħed irritu u null. L-anqas li kieku jrid, it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi kwistjoni bħal dik li qed tilmenta minnha r-rikorrenti għaliex il-liġi stess ma tagħtih ebda ġurisdizzjoni biex jagħmel dan. Hija kwistjoni kjarament ta' proċedura u ta' ordni pubbliku. Fil-fatt dawn il-Qrati dejjem sostnew hekk:

"Illi termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku, li jistgħu jitqajmu ex ufficio minn

qorti jew minn tribunal (Ara **Sentenzi tal-Appelli. Inferjuri, tas-6 ta' Frar tal-2008 fil-kawża fl-ismijiet Kenneth Abela -vs- Aplan Limited** u kif ukoll dawk tat-**12 ta' Diċembru tal-2007 fil-kawża fl-ismijiet Salina Wharf Marketing Rik. Nru. 513/2021 TA 11 Ltd -vs- Malta Tourism Authority u tat-12 ta' Frar tal-2010 fl-ismijiet Mirjana Kovecevic -vs- Myoka Management Ltd**).

Mir-rikors promotur huwa ċar, li r-rikorrenti qed tattakka d-disposizzjoni ta' artikolu 17(A)(2) tal-Kap 420. Ma hiex il-kompetenza tal-Bord li jikkunsidra l-ilment tagħha, għaliex l-istess liġi taħt artikolu 17A(2) tipprekludiħ aprioristikament milli jagħmel dan. Kienet tkun storja oħra kieku kien jeżisti dritt ta' appell u jiġi allegat mill-appellant, li t-Tribunal wettaq dak li ma jridx l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba dan, ir-rikorrenti qatt ma' tista' tirnexxi fl-azzjoni tagħha f'hekk, ir-rikorrenti qatt ma tista' tipproċedi taħt dak l-artikolu.

It-talbiet tar-rikorrenti huma unikament diretti lejn artikolu 17A(2) tal-liġi (ara Talbiet numri wieħed u tnejn a' fol 3). Għalhekk ma hux il-każ li jista' jkun applikabbli l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex fi proċedura bħal dik il-Qorti ma tistax tiddikjara dan l-artikolu ta' Kap 420 tal-liġijiet ta' Malta bħala anti-kostituzzjonali.

Tant biex il-Qorti tkun ikkunsidrat kollox b'referenza għall-Artikolu 4659A(1)(a) tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta, anke jekk dan ma ssemmiex speċifikament mill-intimati dawn il-Qrati dejjem sostnew li "is-subartikolu (1)(a) tal-Kap. 469A jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni minn għemil amministrattiv li (i) ma jkunx

jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – ċioe` li wieħed għandu jżomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza ċivili separati u distinti – il-kliem "imur mod ieħor kontra l-liġi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi għal kwalsiasi liġi ad esklużjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319." (ara **Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Christopher Hall -vs- Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni datata 18 ta' Settembru 2009**).

Fl-aħħar nett din il-Qorti taqbel ma dak li intqal fis**-Sentenza fl-ismijiet Emmanuel Ciantar-vs- Kummissarju tal-Pulizija, Qorti Kostituzzjonali**, tat-2 ta'Novembru 2021 : *" illi l-qorti, fil-kompetenza ordinarja civili taghha, ghandha gurisdizzjoni biex tistharreg dwar l-eghmil imsemmi f'dak l-artikolu "hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi", ma jridx ifisser li fejn l-eghmil jista' jigi mistharreg kemm taht il-kompetenza civili kif ukoll taht dik kostituzzjonali, mela l-kompetenza kostituzzjonali ghandha tigi preferuta."*

**<u>Decide</u>:**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti **qed tiċħad** it-tielet eċċezzjoni tal-intimati.

Spejjeż ta' din il-vertenza a' karigu tal-intimati.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**